MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Numru. 258/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**FRANCIS MEJLAK**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Francis Mejlak bin Saviour u Marcella nee Vella imwieled fit-18 ta’ Marzu 1953 u residenti “St Joseph Court”, Flat 2, Triq Ta’ Grunju, Qala, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita` Nru 23853 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar id-19 t’ April 2004 ghall-habta tad-9.15a.m. fl-inhawi ta’ Dahlet Qorrot limiti tan-Nadur, Ghawdex,

1 kien idur ghal kacca b’arma tan-nar tal-marka Luigi Franchi Nru. D71505 minghajr licenzja valida mill-Kummissarju tal-Pulizija (Kap 10 Art 205(2)

2 aktar talli bi ksur ta’ l-Avviz Legali 146/93 Sec 4 wettaq xi attivita` li dwarha hi mehtiega xi licenzja taht dawn ir-regolamenti kemm il-darba ma kienx qabel hallas il-pagamenti dovuti stipulati taht dawn ir-regolamenti u kiseb il-licenzji relattivi skond il-kundizzjonijiet stipulati taht Skeda VI li tinsab ma’ dawn ir-regolamenti (A.L.146/93 Sec 4 (a)

3 u b’hekk ma kellux polza ta’ l-assigurazzjoni ghal hsara lil terzi jew hsara fil-propjeta` taghhom (L.N. 41/2003 Skeda VI Art. 1c)

4 aktar talli kellu fil-pussess tieghu l-imsemmija arma tan-nar b’magazine li kellu aktar minn zewg skratac fl-istess hin (A.L. 146/93 Sec 9 Art 2(b)

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tordna il-konfiska ta’ l-arma u munizzjon esebiti.

Il-Qorti giet murija mill-imputat il-polza ta’ l-assigurazzjoni li huwa kellu ai fini tat-tieleta akkuza;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba akkuzi kif registrata fis-seduta tas-6 ta’ Mejju 2004 fil-prezenza ta’ l-avukat difensur tieghu;
Fuq ammissjoni tieghu l-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ dawn l-istess akkuzi ammessi minnu;

Wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 205 (2) tal-Kap 10, l-artikolu 4(a) u 9 tal-avviz legali 146/93, artikolu 1 (c) tal-Legal Notice 41/2003 Skeda VI u l-artikolu 2 (b);

Tiddikjara li ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni u r-raba akkuzi u tikkundannah multa komplessiva ta’ mitt lira Maltin (Lm100);

Oltre dan tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti minn PS 812.

Dwar it-tielet akkuza l-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------